DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 74/2007

tas-6 ta' Lulju 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 39/2007 tas-27 ta' April 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2028/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 600/2005 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' l-addittiv ta' l-għalf tal-*Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750, li jappartjenu għall-grupp ta' mikroorganiżmi ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2007 tal-5 ta' Frar 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1356/2004 dwar il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-additiv ta' l-għalf Elancoban, li jappartjeni għall-grupp ta' kokkidjostati u sustanzi mediċinali oħra ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 109/2007 tal-5 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*monensin sodium* (Coxidin) bħala addittiv ta' l-għalf ([4]), kif korrett mill-ĠU L 37, 9.2.2007, p. 10 għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar l-obbligu ta' approvazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-istabbilimenti tal-kummerċ ta' l-għalf li jimmanifatturaw jew ipoġġu fis-suq additivi ta' l-għalf tal-kategorija "kokkidjostati u ħistomonostati" ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2007 tat-23 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala addittiv ta' l-għalf ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zzj (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005):

", kif emendat b'li ġej:

— **32006 R 2028**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2028/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 26)."

([1]) ĠU L 209, 9.8.2007, p. 70.
([2]) ĠU L 414, 30.12.2006, p. 26.
([3]) ĠU L 31, 6.2.2007, p. 4.
([4]) ĠU L 31, 6.2.2007, p. 6.
([5]) ĠU L 43, 15.2.2007, p. 9.
([6]) ĠU L 57, 24.2.2007, p. 3.

2. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2004):

" kif emendat b'li ġej:

— **32007 R 0108**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2007 tal-5 ta' Frar 2007 (ĠU L 31, 6.2.2007, p. 4)."

3. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1zzzf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1876/2006):

"1zzzg. **32007 R 0109**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 109/2007 tal-5 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*monensin sodium* (Coxidin) bħala additiv ta' l-għalf (ĠU L 31, 6.2.2007, p. 6), kif korrett mill-ĠU L 37, 9.2.2007, p. 10.

1zzzh. **32007 R 0141**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar obbligu approvazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti tal-kummerċ ta' l-għalf li jimmanifatturaw jew ipoġġu fis-suq additivi ta' l-għalf tal-kategorija 'kokkidjostati u ħistomonostati' (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 9).

1zzzi. **32007 R 0188**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2007 tat-23 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala additiv fl-għalf (ĠU L 57, 24.2.2007, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 2028/2006, 108/2007, 109/2007, kif ikkorreġuti bil-ĠU L 37, 9.2.2007, p. 10, 141/2007 u 188/2007 fl-ilsien Iżlandiz u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Lulju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda obbligu kostituzzjonali m'hu indikat.